**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Novembru 2019**

**Talba Nru: 287/19 CZ**

**Worldwide Company Ltd (C 6622)**

**vs.**

**Coisland Ltd (C 65654)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fit-3 t'Ottubru 2019 fejn talbet:

Prevja kull dikjarazzjoni necessarja, li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' €855.74, dovuti in konnessjoni mal-bejgh ta' diversi prodotti lis-socjeta' konvenuta, u liema ammont baqa' ma thallasx nonostante diversi interpellazzjonijiet.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra legali tal-24 ta' Marzu 2019 (€25.00), u l-imghax dekoribbli mid-data ta' kull fattura (hawn annessi esebiti u mmarkati kollettivament

bhala Dok. JDA), kontra s-socjeta' konvenuta, li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2019.

Ikkunsidra l-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmin mija u hamsa w hamsin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€855.74) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur